**Dun Anton Debono**
**Il-qassis li ma kienx jaf jistrieħ**
L-ewwel parti

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Skont Dun Anton Xiberras (1922-2006), qassis Ġiljaniż min-Naxxar, f'kitba tiegħu tal-1999 li ġġib l-isem ta' 'Il-Poplu ta' San Ġiljan jimxi …'[1] jgħidilna li 'żmien twil ilu, fis-subborg *ta' San Ġiljan* ġew nies minn Birkirkara, mill-Għargħur u min-Naxxar prinċipalment.' Peress li hu kien imwieled in-Naxxar, ma setax jonqos li ma jkunx jaf b'Naxxarin bħalu li marru joqgħodu San Ġiljan[2] - kif wara kollox spiċċa biex għamel hekk huwa wkoll wara li ġie mibgħut hemmhekk fl-1948 fuq stedina tal-Arċisqof Gonzi ħalli jgħin lil Dun Anton Debono, Naxxari bħalu, peress li dan tal-aħħar kien qed imexxi l-parroċċa t'hemmhekk tista' tgħid waħdu. Peress ukoll li l-Għargħur hu pajjiż ġar tan-Naxxar, kien jaf ukoll b'xi Għarawrin[3] li marru jgħixu f'das-subborg marittmu. Fost it-talin Karkariżi nsibu lil Dun Anton Debono u li dwaru ser nitkellmu f'dis-sensiela ta' kitbiet mill-pinna tiegħi.

Kliem muftieħ: Birkirkara, Floriana, Gudja, Naxxar, San Ġiljan, Dun Anton Debono, Dun Anton Xiberras, Soċjetà Filarmonika Vilhena.


Dun Anton Debono (1910-1959)

Minn tagħrif li ksibna mill-ktieb 'Il-Floriana – Fil-mixja Nisranija Tagħna' (2014)[4], Kapitlu 5, p. 165, ta' Patri Alessandru Bonnici O.F.M. Conv., u l-artiklu l-ieħor, 'L-Arċipriet il-Ġdid tal-Furjana Huwa Naxxari Fil-Persuna Ta' Dun Anton Debono' ta' Dun Anton Xiberras, meħud mid-Djarju tan-Naxxar, Għadd nru 27, is-VII Sena, 1952[5], liema żewġ għejun ta' min jorbot sewwa fuqhom, insiru nafu li Dun Anton twieled f'Birkirkara fl-1 ta' Lulju 1910 minn Ġużeppi Debono (? – 1948) u Marjanna min-Naxxar, imwielda Magri. Huwa tgħammed jumejn wara mill-Viċi-Parroku Dun Mikiel Buttiġieġ. Bħala parrini kellu lil Ġużeppi u Kruċifissa Magri, li jiġu l-ġenituri min-naħa t'ommu.

Ftit tas-snin wara li twieled, il-familja Debono ġarret u telgħet toqgħod in-Naxxar fi Triq il-Kbira, faċċata ta' Triq San Ġorġ, fejn il-familja kellhom ukoll ħanut tal-laħam imiss eżatt mad-dar. Kellu jkun proprju f'dan l-eqdem raħal tal-kampanja li Dun Debono għex l-ikbar parti ta' ħajtu. Flimkien ma' tfal oħra ta' mparu huwa beda jattendi l-iskola primarja tal-Gvern u ta' sitt snin irċieva l-Ewwel Tqarbina. Nhar it-18 ta' Lulju 1918 imbagħad, irċieva wkoll il-Griżma tal-Isqof minn idejn l-Isqof Angelo Portelli (1852-1927) fil-knisja parrokkjali tan-Naxxar. Aktarx ukoll li, bħal ħafna tfal oħra li ġew qablu u warajh, id-duttrina kien jitgħallimha mingħand ċertu Dun Ġakomin Galea (1880-1966). Mhux ta' b'xejn għalhekk, li hu kien jitqies dejjem min-Naxxar, ir-raħal li fih għadda żgħuritu u żgħożitu.

Kien ukoll f'dan ir-raħal li "għall-ewwel darba ħass il-vokazzjoni lejn is-Saċerdozju"[6]. Huwa daħal jistudja s-Seminarju Veskovili tal-Furjana, fejn, xi snin wara, "in-nies tar-raħal ratu liebes is-suttana li

[1] Din kienet dehret fil-ktieb 'Dun Anton – ktibietu miġbura, Vol. 2, pġ. 247.
[2] Jien inzertajt ukoll Naxxari, u ilni noqgħod San Ġiljan sa mis-sena 2000.
[3] Kelma li tfisser nies Ħal Għargħur, raħal li jinsab qrib in-Naxxar.
[4] Il-Mons. Dun Richard Borg, ukoll Naxxari, għoġbu jirregalali dan il-ktieb.
[5] Dun Xiberras kien iddedika din il-ħarġa lil Dun Debono. Infatti, fil-faċċata ta' quddiem insibu dan li ġej: Dedika / lill- / Wisq Revendu Arċipriet ġdid tal-Furjana / In-Naxxari / Dun Anton Debono / Ġa kappillan ħabrieki / U maħbub mill-Parroċċa kollha / Ta' San Ġiljan / Fejn dam imexxi għal għaxar snin / Vigarju Kurat għal sentejn / Fil-parroċċa tal-Gudja / Viċi-Parroku fil-parroċċa / Tan-Naxxar raħal twelidu / Issa li Ruma għollietu għall-ġieħ / Hekk kbir u tassew mistħoqq / Fil-parroċċa li tqim lil Pubblju / Iben San Pawl li għammed lin-Naxxar.
[6] Mill-istess artiklu ta' Dun Anton Xiberras.

tant xerqitlu meta sar Kjeriku għall-ewwel darba"[7]. Kien ukoll f'dan iż-żmien li tilef lill-għażiża ommu. Nhar il-25 ta' Lulju 1937 imbagħad, ġie ordnat saċerdot minn idejn Mons. Mikiel Gonzi, Isqof t'Għawdex[8]. Kien ukoll fil-parroċċa tan-Naxxar li "qaddes l-ewwel Quddiesa fost il-ferħ ta' missieru, ħutu Ġużeppi[9], Anġlu[10], Lela[11] u Ċelest[12], qrabatu, ħbiebu u n-nies tar-raħal kollu". Bħala qassis novell huwa "amministra l-ewwel Sagramenti, fejn għammed, qarar, qarben, tejjeġ, ta l-Griżma tal-morda, bħala Viċi-Parroku tan-Naxxar"[13].

Mingħand Dun Xiberras insiru nafu wkoll li "sal-1940 kien għadu n-Naxxar fejn ħadem sħiħ għall-poplu li tant ħabb u li kienu tiegħu, għax miegħu trabba, studja, lagħab, talab u fostu ħadem meta sar Saċerdot". Ġara iżda li, "l-Arċisqof ta' Malta malajr tefa' għajnejh fuqu u riedu Kappillan"[14]. Dan ifisser li Dun Debono ftit seta' jgawdih 'il pajjiżu bħala Saċerdot.

## Fil-Parroċċa tal-Gudja bħala Vigarju Kurat

Mill-istess Djarju tan-Naxxar Għadd nru 27, is-VII Sena, Diċembru 1952, p. 93, tal-istess awtur nisiltu aktar tagħrif fejn jgħidilna hekk: "Kien fil-gwerra tal-1939-43, meta l-qilla tal-għedewwa Taljani u Ġerminżi inxteħtet fuq Malta. Il-qassis żagħżugħ (Dun Anton Debono) tan-Naxxar irħielha lejn il-Gudja. L-ajruplani tal-għadu kienu theddida għalih u għall-pajżani l-ġodda (il-Gudjani). L-ajrudrom ta' Ħal Luqa fil-qrib kien jagħmel mill-Gudja *target* oħra. Il-Vigarju Kurat il-ġdid, li kien ħalla l-paċi tan-Naxxar, ried jaħseb, x'aktarx waħdu għall-ħtiġiet mhux biss spirtwali, imma wkoll materjali tal-Gudjani."

Fl-istess artiklu imsemmi, id-Djarista Naxxari jkompli jgħidilna li: "(Dun Anton Debono) dam sentejn f'dan ir-raħal fejn ħadem sħiħ, fejn sofra, fejn assista feruti (l-istess bħalma għamel aktar tard fin-Naxxar) u talab fuq il-mejtin, fejn wettaq ix-xogħol kollu tal-ħajja pastorali."


Il-kappella ta' San Pawl, fin-Naxxar, bl-istatwa tal-ġebel tal-Qaddis qed jipprietka quddiemha

Il-ħidma tiegħu bħala Vigarju Kurat baqa' jwettaqha sal-aħħar nett "sakemm laħaq Kappillan ġdid għall-Gudja, Dun Anton Rapa[15]". Wieħed jinnota hawnhekk li, f'din l-istorja għandna tliet qassisin bl-istess isem ta' Anton – Dun Xiberras, Dun Debono, u Dun Rapa.

## Lura fil-parroċċa tan-Naxxar

L-istess djarista naxxari jkompli jgħarrafna li: "Dun Anton Debono reġa' sellem lill-Gudja u lill-poplu li kien ħabbu, u dar lejn in-Naxxar mill-ġdid". Hawn Dun Debono "wera l-ħeġġa ta' qabel fix-xogħol tal-ministerju". Jidher li għal xi żmien, Dun Debono u Dun Xiberras kienu jmorru jippassiġġaw fl-inħawi ta' San Pawl tat-Tarġa[16] u Birguma[17], ftit 'il barra mill-qalba tan-Naxxar. Skont id-Djarista, mhux l-ewwel darba wkoll li fihom Dun Debono kien

---

[7] *Idem.*
[8] Skont Dun Anton Xiberras dan ġara fix-xahar t'Awwissu.
[9] Kien għalliem fl-iskejjel.
[10] Kien jaħdem bħala skrivan.
[11] Kienet miżżewġa lil Salvu Borg "Tas-Salvatur".
[12] Kienet miżżewġa l-Mellieħa. Mietet bl-aħħar tarbija tagħha, Gejtu.
[13] Mid-Djarju ta' Dun Anton Xiberras.
[14] *Idem.*
[15] Qabel kien delegat tal-Isqof Mikiel Gonzi.
[16] Raħal ċkejken fil-konfini tan-Naxxar li jinsab f'"Tat-Tarġa" li fuqha nbniet kappella dedikata lill-konverżjoni ta' San Pawl. Din inbniet fl-1696 skont data li hemm fuq il-bieb tal-ġenb. Jingħad li, l-istatwa tal-Qaddis li hemm quddiemha twaqqfet fuq il-post eżatt minfejn l-Appostlu tal-Ġnus kien jipprietka u minfejn leħnu kien jinstema' saħansitra mill-gżira Għawdxija. Tant li, l-Għawdxin, imqanqlin mill-ħeġġa tal-għaġeb tiegħu kienu jaqsmu l-fliegu biex jitgħammdu minn idejh. "Fuq l-arma tan-Naxxar insibu wkoll miktubin il-kelmiet PRIOR CREDIDI, il-motto tan-Naxxarin, u li jfissru EMMINT

jirrakkuntalu "fuq xi traġedji tal-Gudja, fil-ferħ u n-niket tal-poplu, li fih kien imdaħħal personalment". U għall-kuntrarju ta' kif soltu kien iħobb jagħmel, Dun Xiberras did-darba ma ġiehx f'rasu jniżżel imqar il-kontenut ta' wieħed minn dawn ir-rakkonti kollha fid-Djarju tiegħu.

Fil-ftit, xhur li l-Ex-Vigarju Kurat tal-Gudja dam in-Naxxar qabel ma reġa' ġie msejjaħ x'imkien ieħor, huwa ntefa' minnufih fil-qadi tas-servizzi ministerjali tal-ġurnata, l-istess kif kien jagħmel qabel ma faqqgħet il-Gwerra. Ħafna mis-servizz li kien jagħti Dun Anton Debono nsibuhom imniżżlin fid-Djarju tal-Gwerra ta' Dun Anton Xiberras. L-ewwel servizz irreġistrat nsibuh proprju fl-ewwel ktieb bid-data tas-17 ta' Frar 1942, li dakinhar inzerta ħabat it-Tlieta tal-Karnival u lejlet Ras ir-Randan, fejn Dun Debono għamel prietka waqt is-siegħa tal-Adorazzjoni. Xahar eżatt wara, fil-knisja parrokkjali tan-Naxxar kienet ġiet iċċelebrata quddiesa f'ġieħ San Patrizju u li għaliha attendew 950 suldat tal-*Irish Fusiliers* li kienu stazzjonati f'San Pawl tat-Tarġa. Qassis tagħhom kien qaddes baxx, mgħejun fuq il-presbiterju mill-kappillan u żewġ ministri, fosthom Dun Debono, kif ukoll suldat ċerimonier.



Ritratt antik li fih tidher ħierġha l-Bambina mill-bieb tal-knisja parokkjali tan-Naxxar nhar il-Festa tagħHa

Ġrajja oħra mniżżla f'ħafna dettal mid-djarista żagħżugħ Naxxari kienet dik li seħħet il-Ġimgħa, 20 tal-istess xahar fejn dik il-ħabta l-ħbit mill-ajru kienu spissi ħafna, kemm bil-lejl kif ukoll matul il-ġurnata. Dakinhar biss, il-ħbit kien wieħed intensiv u li fih mietu "xi erba' min-nies fil-Barriera tal-Belt, tnejn minnhom suldati". Imma l-agħar kien għadu ġej għax fl-istess ġurnata sar ħbit ieħor deskritt bħala l-aqwa ħbit ta' dik is-sena u forsi wkoll tal-gwerra kollha. F'dan l-eħrex ħbit tal-għadu mill-ajru sar "l-akbar attakk fuq il-mitjar Ta' Vnezja[18] meta "fuq mitt *bomber* tal-għadu tefgħu l-bombi tagħhom fil-mitjar li kien jixgħel donnu bil-lejl." Xi bombi waqgħu wkoll ħdejn il-kappella tal-Kunċizzjoni ġon-Naxxar stess li ħallew ħerba sħiħa. Din il-kappella kienet tefa' ta' ġebla 'l bogħod minn fejn kienet toqgħod il-familja ta' Dun Debono. Dun Xiberras kien wieħed minn dawk iż-żgħażagħ qalbenin li, wara li l-*barrages*[19] (ħamsa fl-istess ħin) battew, issogra joħroġ mix-xelter fejn kien qed jistkenn biex imur jara b'għajnejh stess x'kien ġara u jiddeskrivi sal-anqas dettal id-diżastru li sab quddiem għajnejh:

"Mill-iskola 'l isfel il-ħġieġ ċekċek taħt saqajna. Fit-triq kien hemm il-karozza tal-A.R.P. tal-Mosta. Suldati tal-R.A.F., Father Navin, Dun Anton Debono u l-Kappillan kienu fil-post. Dar kienet tidher imġarrfa. Il-blokka ta' xelter imtajra u d-dar ta' biswitha bil-bibien ġewwa. Tal-A.R.P. u l-pulizija b'għajta wara l-oħra jekk jonqosx xi ħadd. Ma wieġeb ħadd. "Hawn raġel, ara min se jgħinna l-aħwa!" għajjat wieħed tal-A.R.P. Ma fhimtux għall-ewwel imma mbagħad rajthom jersqu lejja, għal taħt il-ħajt. Sewwa sew wara riġlejja kien hemm katavru, vittma tal-balal. "Armaw l-aħwa! Agħtuna daqqa t'id" reġa' nstema' min jgħajjat. Żewġ S.C. tar-raħal żammew l-i*stretchers* u daqs tliet ġuvintur refgħu l-katavru għal fuqu li mbagħad daħlu ġol-karozza. Tifel, Ġużepp Sciberras, ta' xi 17-il sena nstab mejjet ġot-tarġ tal-kenn. Il-Professur Xuereb ta l-għajnuna tiegħu."

---

QABEL L-OĦRAJN. It-tifsir ta' dal-kelmiet ġej minn tradizzjoni qadima ħafna li n-Naxxarin kienu l-ewwel nies li, ħabta tas-sena 60 W.K., laqgħu lill-Appostlu Missierna San Pawl fosthom, billi n-Naxxar huwa l-iktar qrib il-post tan-Nawfraġju, illum San Pawl il-Baħar, u tawh kull għajnuna. Jidher ċar ħafna li San Pawl, li, skont it-test tal-Atti tal-Appostli 'urew magħna imħabba mhix żgħira' l-ewwel ma għamel għallem lin-Naxxarin ta' dawk iż-żminijiet it-Tagħlim ta' Kristu." (Enċiklopedija tan-Naxxar: Dun Anton Xiberras)

[17] Inħawi bejn in-Naxxar u Ħal Għargħur u li jmiss ukoll mar-raħal ċkejken ta' San Pawl tat-Tarġa.

[18] Fil-kitbiet tiegħu Dun Xiberras kien iniżżlu dejjem bħala "Ta' Fneżja". Inħawi barra mill-Mosta fejn qabel kien hemm mitjar militari tal-R.A.F. fiż-żmien il-Gwerra u li ta' spiss kien jiġi attakkat mill-għadu.

[19] Baraxx; sparar tal-kanuni kontra l-għadu.

Nhar it-2 t'April tal-istess sena f'Ħamis ix-Xirka mbagħad, insibu lil Dun Debono bħala wieħed minn żewġ ministri li assistew lill-kappillan waqt il-quddiesa ta' filgħodu u li fiha saret iċ-ċerimonja tal-ħasil tar-riġlejn l-Appostli. Filgħaxija wkoll wara l-Via Sagra, Dun Debono niseġ ġmiel ta' prietka tal-passjoni ta' 'l fuq minn siegħa u li fiha kont "tistħajlek tara 'l Kristu awl il-lejl qabel ma miet"[20].

**Il-Vara ta' San Pubblju tinġieb in-Naxxar**

Mit-tieni ktieb tad-Djarju tal-Gwerra ta' Dun Xiberras xieraq nisiltu wkoll ġrajja ferm importanti għall-Furjaniżi peress li kien proprju l-Erbgħa, 29 t'April tal-1942 li filgħodu "ġabu l-vara ta' San Publiju mill-knisja li ġġarrfet il-bieraħ (28 t'April) b'disa' bombi laqtiet dritti, u fejn mietu ġol-kannierja li sfrundat xi sebgħa u għoxrin ruħ, fosthom Dun Pawl Portelli li kien qed iqaddes. Il-vara qegħduha fil-knisja tagħna (tan-Naxxar) taħt in-nava ħdejn S. Tereża."

**Prietki**

Prietka oħra ta' Dun Debono li hemm imniżżla fid-Djarju hi dik li saret il-Ħadd filgħaxija, 3 ta' Mejju fil-festa ta' Santu Kruċ fuq "il-Kixfa tas-Salib Imqaddes". Prietki oħra li nsibu mniżżlin f'Mejju huma dawk tal-Ġimgħa 8, nhar il-festa tal-Madonna ta' Pompej, it-Tnejn 11, il-Ħamis 21, kif ukoll dik ta' matul il-jum tal-Ħadd 28 ta' Ġunju fil-festa ta' Santa Rita. Prietka oħra li niseġ kienet dik fuq San Vitorju Martri, kumpatrun tal-knisja tan-Naxxar, jum il-festa tiegħu il-Ħadd filgħaxija, 13 ta' Settembru, eżatt wara li sar l-għasar solenni bil-vuċijiet.

Fix-xahar t'Ottubru tal-istess sena nsibu wkoll li r-Rużarju kien isir bl-espost u ta' sikwit jingħad minn Dun Debono (It-Tlieta, 5). Fix-xahar tal-Mejtin ukoll, Dun Debono mhux l-ewwel darba li kien jagħmel il-prietka tal-erwieħ. Dan kien isir filgħaxija wara l-Għasar tal-Mejtin. Fil-fatt insibu li, Dun Debono kien il-prokuratur tal-festa tal-erwieħ tant li, fl-għodwa tal-Ħadd l-1 ta' Novembru, kien ħareġ jiġbor għaliha mar-raħal tan-Naxxar. Il-Ħadd, 15 tal-istess xahar insibu wkoll li kien sar xi katekiżmu minnu. Prietka oħra mingħand l-istess predikatur kienet dik li saret it-Tlieta filgħaxija, 8 ta' Diċembru, fil-kappella tal-Kunċizzjoni. Prietka oħra hija rreġistrata li saret is-Sibt, l-għada tal-Milied, preċiżament fit-tieni jum tal-Kwaranturi.

**Festa liturġika ta' San Pubblju**

Mill-istess Djarju nsiru nafu wkoll li, fit-Tnejn, 18 ta' Jannar 1943, il-vara ta' San Pubblju kienet ittellgħet fuq il-presbiterju għall-festa li kellha ssirlu l-Ħamis. Infatti, l-Erbgħa 20 tax-xahar filgħaxija sar l-għasar tal-Qaddis, b'ħames kappi. L-artal kien armat b'tużżana gandlieri bojod u fjuretti sbieħ ħafna, kif ukoll vintartal, kanupew, u apparat aħmar bħal ta' nhar San Vitorju. Id-Djarista jkompli jżid jgħid li: "Il-vara tal-Qaddis ħdejn il-maġġur fuq il-presbiterju kienet imdawra bix-xema' u bil-ward". Għall-festa ta' San Pubblju n-Naxxar, li ħabtet il-Ħamis 21 tax-xahar, il-programm kien kif ġej: "Fis-7.00 am kant tat-terza, fis-7.15 am quddiesa kantata bil-ministri b'vuċijiet tat-tfal. Sar ukoll l-osklu bl-ostensorju wara l-Kredu. Qaddes il-kappillan." Filgħaxija mbagħad, "fil-5.00 pm sar l-Għasar falsa-burdun; ċelebrant iċ-ċerimonier tal-Isqof furjaniż, paniġierku mill-W.M. Dun Pawlin Azzopardi, Kanonku ta' Bormla, Antifna u Barka Sagramentali. Wara sar l-osklu tan-nies tal-ostensorju. Kurunelli u santi tal-Qaddis tqassmu fil-quddiesa."

**Ġirja sa San Ġiljan**

Mill-istess Djarju tal-Gwerra insiru nafu wkoll li kull nhar ta' Ħamis filgħaxija s-siegħa adorazzjoni kienet tkun ppredikata minn Dun Debono. (Ara Frar 4, 11, 18, u 4 ta' Marzu 1943) Fid-19 ta' Frar, 1943, li dakinhar kien ħabat il-Ġimgħa, l-istess djarista jagħtina l-aħbar sabiħa li: "Dun Anton Debono

---

[20] Mid-Djarju tal-Gwerra.

("Ta' Ġeġikk") *kien* ġie maħtur Kappillan ta' San Ġiljan"[21]. L-istess djarista jirrakkontalna f'ħafna dettal kif is-Sibt, 27 tal-istess xahar huwa qatta' jum sħiħ San Ġiljan ma' Dun Debono:



Dun Anton Xiberras, qassis-poeta Naxxari, awtur tad-Djarju tan-Naxxar u dak tal-Gwerra

"Fit-8.00 ta' filgħodu tlaqna bil-karozza mill-misraħ tal-knisja t'hawn, waqafna l-Imsida. Hemmhekk qagħdna filliera wara n-nies, ħallasna l-art, ġiet karozza li wasslitna l-Balluta[22]. Hemmhekk tlajna l-knisja[23], il-kappillan il-ġdid qeda xi ħwejjeġ li kellu, dorna l-knisja sa fuq il-kampnar fejn rajna veduta tal-għaġeb, bil-baħar, djar, knejjes, palazzi, għelieqi w ġonna.[24]

Fis-6.10 pm tlaqna minn hemm, u stennejna l-Balluta għall-karozza tal-5.30 pm. Ma kienx hemm u tlaqna bil-mixi. F'nofs triq waqqafna trakk, kien kollu Afrikani suldati, li kellmuna bl-ingliż, imma li qalu ma jafux fejn kienu sejra, u ħallejnihom. Wasalna sa ħdejn il-laneċ, qbadna karozzin sal-Imsida, stennejna sat-8.00 pm l-Imsida bit-tama ta' xi karozza, ma ġietx, ħadna tazza kukkadina minn ħanut, sibna karozzin, wassalna sa Birkirkara fuq il-pont; minn hemm tlaqna bil-mixi, imma l-Bambin ried li ltqajna ma' karozza li tellgħatna r-raħal. Kienu xi d-9.00 pm."

**Dun Debono jilħaq kappillan**

Fl-istess Djarju tal-Gwerra l-awtur kien niżżel ukoll li, kien proprju nhar il-Ħadd, 4 t'April 1943 li "Dun Anton Debono tan-Naxxar ħa l-pussess ta' kappillan f'San Ġiljan." Kif ser naraw tajjeb fl-artiklu li għandi mħejji għalikom għas-sena d-dieħla, il-ġurnata hija differenti minn dik li jagħtina l-istess djarist fil-*Personalia Ġiljaniża* li fiha nsibu damma ta' tagħrif dwar saċerdoti, kappillani, isqfijiet, kardinali, papiet b'rabta mas-subborg Ġiljaniż. Dan għaliex, id-data li jagħtina hawnhekk hija dik tal-5 ta' Marzu tal-imsemmija sena – differenza ta' xahar sħiħ. Ngħid għalija, aktar noqgħod fuq id-data li jagħtina l-istess awtur fid-Djarju tal-Gwerra. Dan peress li hu kien jieħu ħsieb iniżżel il-ġrajjiet tal-ġurnata kif kienu jkunu għadhom friski ġo moħħu. Intant, l-għada tal-pussess, Dun Xiberras flimkien ma' sħabu tar-raħal wara l-ħin tal-iskola kienu baqgħu sejrin San Ġiljan għand Dun Debono bħala l-kappillan il-ġdid, li min-naħa tiegħu laqagħhom tajjeb. Wara li Dun Xiberras u sħabu kienu irregalawh b'fonti tal-metall huma reġgħu rħewlha lejn ir-raħal bil-mixi minn tal-Balal[25].

Għeluq: Dan l-artiklu qiegħed niddedikah lil Dun Richard Borg B.A., Lic.D., Naxxari bħali, li għadu kemm laħaq Monsinjur tal-Katidral Metropolitan tal-Imdina.

---

[21] Fil-*Personlia* Ġiljaniża, Dun Xiberras jagħti d-data tat-22 ta' Frar minflok. Min-naħa tiegħi aktar noqgħod fuq it-tagħrif mogħti fid-Djarju personali tiegħu.

[22] Oriġinarjment, dan kien l-isem ta' waħda miż-żewġ ramliet li jżejnu lis-subborg marittmu ta' San Ġiljan. Skont Joseph Storace tissejjaħ hekk "għax fil-misraħ ta' quddiem il-baħar kien hemm, għal żmien twil, ħafna siġar tal-Ballut". (Tas-Sliema u San Ġiljan – Empire Press, 1930)

[23] Hawn qed jirreferi għall-knisja l-qadima, sa dak iż-żmien parrokkjali, magħrufa bħala 'Ta' Lapsi'. Il-knisja parrokkjali l-ġdida kienet għadha ħafna 'l bogħod milli tinbena. Il-knisja 'Ta' Lapsi' tinsab f'nofs telgħa wieqfa ħafna.

[24] Sa dak iż-żmien l-inħawi ta' madwar il-knisja l-qadima kien għeri mill-ħafna bini li naraw illum. Imma anki fi żmien il-Parrokkat tiegħu, Dun Anton Debono kien ġa ħa l-inizjattiva "biex tinbena knisja ġdida akbar u f'imkien aktar ċentrali li tkun tesa' lill-parruċċani kollha meta ssir xi funzjoni solenni, bħalma hi l-festa tal-Qaddis Patrun". (Joseph Storace: Il-Ħajja tal-Qaddis u l-Istorja tas-Subborg San Ġiljan, p. 23)

[25] Inħawi bejn in-Naxxar u San Ġwann, li fl-imgħoddi kien magħruf bħala l-Imsieraħ.